MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 551/2008

**Goldline International Traders Ltd**
**(C-33096)**

**Vs**

**Charlene Pirotta**
**(ID-545786-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa mija u hamsa u tmenin Euro, disghin centezmu (Euro 985.90c), rapprezentanti prezz ta` prodotti mibjugha lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha stess li baqghu ma thallsux nonostante diversi nterpellanzi nkluz tramite ittra bonarja datata 6 ta` Mejju, 2008 annessa u mmarkata Dok. B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali Dok. B u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fatturi rispettivi skond prospett Dok. A kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta ta` l-24 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro 985.90c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-dati rispettivi kif jidhru fuq Dok. A u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------